Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0320

L-inċentivar ta’ investimenti relatati mad-difiża fil-bażit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153, (UE) 2023/1525 u 2024/795 fir-rigward tal-inċentivar ta’ investimenti relatati mad-difiża fil-bażit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe (COM(2025)0188 – C10-0070/2025 – 2025/0103(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0188),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114, 164, 172 u 173, l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 176, 177, 178, 182, 183 u 188 u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0070/2025),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 164 u 172, l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikoli 177 u 178, l-Artikolu 182(1) u (4), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni bażitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Bażits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew tat-18 ta’ Settembru 2025[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta’ Ottubru 2025[2],

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta’ Novembru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 41 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0172/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

1 Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

2 ĠU C, C/2025/6325, 3.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/6325/oj.

P10_TC1-COD(2025)0103

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/694, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697, (UE) 2021/1153 ▌u (UE) 2024/795, fir-rigward tal-inċentivar ta' investiment relatat mad-difiża fil-baġit tal-UE biex jiġi implimentat il-Pjan ReArm Europe

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2025/2653.)